MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 152/2006

**Melita Insurance Agency Limited bhala agent tal-kumpanija Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' John Farrugia abbazi ta' polza ta' asikurazzjoni u tal-ligi**

**Vs**

**JAJ Company Limited.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta attrici nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti tkkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta elfejn u tlett mija u hamsa u sebghin liri maltin u disgha u sebghin centesmu (LM2,375.79) rappresentanti 'n kwantu ghal elfejn u mija u tlieta u hamsin lira maltin u disgha u sebghin centesmu (LM2,153.79) bhala ammont mhallas mis-socjeta rikorrenti bhala kumpens ghad-danni subiti mill-assikurat taghha fil-

fond ‘Begonia’, Triq Anton Falzon, Hal Luqa taħt il-polza t’assikurazzjoni bin-numru 000034185295 u mitejn u tnejn u ghoxrin liri maltin (LM222) bhala spejjez inkorsi ghal *survey report* rizultanti minn hsara li giet ikkawzata fil-fond surreferit wara li l-ilma tax-xita skula ghal gol pedamenti tal-fond, liema hsara sehhet kawza tax-xoghlijiet li hija ghamlet fit-triq fejn jinsab il-fond in kwistjoni, kif ahjar spjegat fir-rapporti annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta ntimata li hija ngunta ‘n subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. It-talba attrici ghandha tkun respinta stante li l-eccipjenti mhix responsabbli ghad-danni li l-assikurat tas-socjeta attrici jallega li garrab.
2. Bla pregudizzju ghall-premess u limitatament ghall-kwisjtoni tal-quantum tad-danni pretizi, s-socjeta attrici ghandha ggib il-prova skond il-ligi mhux biss tal-quantum tad-danni, izda anke tal-pretensjonijiet taghha li dawk id-danni huma attribwibbli lill-eccipjenti.

3. Salv eccezjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Illi nhar il-ewwel (1) ta’ Gunju 2007 xehdet **Lorraine Farrugia** prodotta mis-socjeta attrici fejn ikkonfermat illi hija kienet ghamlet *claim* mas-socjeta attrici nhar l-erbgha (4) t’Ottubru 2005. Spjegat li l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed taghmel xi thaffir fit-triq biex ighaddu l-*cable* tad-dawl. Qalet li malli ghaddew il-*cable* hallew it-trinka miftuha ghal xi gimgha jew tnejn. Sadanitant ghamlet ix-xita w it-trinka imtliet bl-ilma u wara xi granet, erbgha jew sitta, gew l-istess haddiema w ghalqu t-trinka. Reġghet ghamlet maltempata ohra ikbar minn ta’ qabilha. Jum fost l-ohrajn hija qamet kmieni biex tlesti t-tfal ghall-iskola u l-ewwel haga li ghamlet kien, li fethet it-tieqa tas-*sitting room* w ittawlet barra sabiex tohrog il-*garbage bag* u rat li kien hemm xi metru wisa’ sfronduta taħt id-dar. Hija ppanikjat u cemplet lil missierha, u dan idderigiha sabiex tinforma lis-socjeta assikuratrici u lil Perit Jaccarini sabiex

jaghtiha stima tal-hsara li kellha. Bdiet thoss anke l-vojt fil-pedamenti u fil-fatt kien hemm xi zewg jew tlett madumiet li diga bdew jicaqilqu.

Qalet li waqt li saru it-tiswijiet hija harget mid-dar. Qalet li t-trinka tat-triq li fuqha kien qed isir xi xoghol kienet boghod xi zewg metri mid-dar. Tghid li sa dakinhar li xehdet it-triq kienet ghada sfrundata.

Mistoqsija x'kien il-materjal li kien hemm fit-trinka, tghid li ma tafx pero fit-tieni okkazzjoni meta ttrangat it-trinka, taf li anke kien hemm *tarmac* u fil-fatt kienet gibdet xi ritratti.

In kontr'esami quddiem il-Perit Tekniku nhar id-disgha (9) ta' Jannar 2008, tghid li hija kienet ghamlet hafna pressjoni fuq il-Kunsill lokali sabiex jirrangaw it-triq u l-Kunsill kien tefa' *truck ready mix concrete* u dan wara li fethu t-trinka. Hija kienet hadet ukoll xi ritratti li esebiet il-Qorti u li gew markati bhala Dok. LFA sa DF I. Tghid li l-pedamenti tad-dar taghha kienu jidhru kif muri fir-ritratti esbiti u mmarkati bhala Dok. LFD, LFE u LFF. Qalet li minn din it-triq jghaddi hafna ilma u li t-triq hi wita'. Spjegat kif jidher mir-ritratt immarkat bhala Dok. LF I, l-bankina nqalghet minn mal-faccata.

Ikkonfermat li l-hsara grat wara it-tieni xita wara li t-trinka mtliet bl-ilma. Kien wara it-tieni xita li cemplet lil tal-Kunsill li gew u mlew it-trinka. Spjegat li fost ix-xoghol rimedjali, saret xi soda tal konkos u s-socjeta assikuratici ma rieditx thallas taghha w ghalhekk halsuha a spejjez taghhom.

F'din l-istess seduta tal-hmistax (15) ta' Gunju 2007, il-Qorti nnotat li l-vertenza 'n desamina kienet wahda teknika w ghalhekk innominat lil AIC Mario Cassar u awtorizzatu sabiex jigbor ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha u sabiex jirrelata fuq l-eccezzjonijiet sollevati, u f'kaz li jirrizulta li verament hemm id-danni huwa ghandu jikkwantifika l-istess.

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2008 deher il-Perit Tekniku Mario Cassar w ipprezenta r-relazzjoni tieghu wara li halef il-kontenut tal-istess.

Minn esami tal-istess jirrizulta li xehdu s-segwenti persuni:-

**Edmond Grech** xehed nhar id-disgha (9) ta' Jannar 2008 w ikkonferma li fl-ewwel gimgha t'Ottubru 2005 kienet cemplitlu bintu u qaltlu li kien diehel hafna ilma taħt id-dar u talbitu sabiex imur malajr sa ghandha. Huwa ghalhekk mar flimkien mal Perit Jaccarini u qal li meta wasal vicin id-dar, ra li kien hemm kanal li minnu kien ghaddej l-ilma li kien diehel taht id-dar taghha. Il-Perit Jaccarini dahal gewwa w innota li meta beda itaptap, ra li l-art instemghet *hollow*. Jghid li s-socjeta assikuratrici kellha tibghat *loss adjustor* u li kien wara li mar il-*loss adjustor*, is-Sur Hayes li bintu setghet tibda bir-reparazzjonijiet. Spjega li huma gabu xi stimi w ghaddewhom lis Sur Hayes u waqt li kien qed isir ix-xoghol, is-Sur Hayes kien mar jaghmel xi spezzjonijiet ukoll. Mistoqsi kemm halset is-socjeta assikuratici lil bintu jghid li din hallas is-somma ta' bejn LM2,000 u LM2,500. Huwa esebixxa l-ircevuti kollha tal-hlasijiet li ghamlet bintu 'n konnessjoni ma din ir-reparazzjoni li gew immarkati bhala Dok. EG 1 sa EG 9.

**Andrew Pizzuto** *claims manager* mas-socjeta assikuratrici xehed nhar id-disgha (9) ta' Jannar 2008 w ikkonferma li s-socjeta assikuratrici kienet halset is-somma ta' LM2,153.79 ghad-danni li sofriet Ms. Farrugia u s-somma ta' LM220 bhala *survey fees*. Ikkonferma li d-data tal-incident kienet l-erbgha (4) t'Ottubru 2005. Jghid li kien thallas ukoll is-somma ta' Lm75 bhala *excess* izda din tnaqset mis-somma moghtija.

**Michael Borg** Segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa xehed fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Jannar 2008 w intalab jixhed fuq l-involviment tal-Kunsill fix-xoghol li sar fi Triq Anton Falzon, Hal Luqa. Huwa esebixxa kopja tal-permess li nhareg mill ADT sabiex sar ix-xoghol. Fisser li l-applikant fuq din l-applikazzjoni Numru 1184/2005 huwa Charles Attard rapprezentatnt tas-socjeta JAJ. Qal li din

kienet is-socjeta li kienet inkarigata mix-xoghol. Spjega pero li wara kienet marret certu Mrs. Farrugia w ghamlet xenata minhabba il-hsarat li kien hemm fil-fond taghha. Huwa kien spjegalha li x-xoghlijiet ma kienux tal-Kunsill izda tal-Korporazzjoni Enemalta u gew esegwiti mill-kuntrattur taghhom.

Ikkonferma li l-ilment dahal fl-erbgha (4) t'Otturbu 2005 u minnufih kienu nfurmaw lil Chalres Attard dwaru. Ikkonferma li kien hemm gandott mikxuf u li dan kienu ilu hekk ghal xi erbat ijiem, gimgha. Qal li bhala Kunsill ma jinteressahx meta sar ix-xoghol, kien interessat biss li jkun hemm *reinstatement* tat-triq. Qal li 'n segwitu, rcieva ittra minghand Chris Hayes ghan-nom tas-socjeta St. Paul's Survey Co Ltd sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat, izda huwa rrispondihom permezz t'ittra datata disgha (9) ta' Novembru 2005.

Ikkonferma wkoll li fid-dar tal-*complainant* kien mar mas-Sindku u jiftakar li l-madum tal-art kien jiccaqlaq. Ikkonferma li qabel ma giet ix-xita, t-trinka kienet mikxufa ghal xi zmien u dan sabiex isirlha l-ahhar *layer*.

**Chris Hayes** xehed nhar is-sittax (16) ta' Novembru 2007 w ikkonferma li huwa kien acceda fuq il-post in kwistjoni xi erba' jew hames darbiet u dan fil-kapacita tieghu ta' *loss adjustor* sabiex jinnegozja is-*settlement claim* mal-assikurat. Huwa ghalhekk kien hejja ir-rapport preliminari mmarkat bhala Dok. A u sussegwentement ghamel zewg rapporti ohra intermedjarju u finali li gew immarkati bhala Dok. CH 1 u CH 2. Huwa kkonkluda li l-assikurat kellha tithallas is-somma ta' LM2,153.79. Jiddikjara wkoll li thallas l-ammont muri fid-Dok. CH 4 u cioe is-somma ta' LM222. Mistoqsi jekk ikkomunikax mal-Korporazzjoni Enemalta, wiegeb fin-negattiv. Ikkonferma li qabel ma sar it-*tarmac* fuq it-trinka tpogga l-*lean mix*. Jghid li huwa naqsilhom il-*cost* tas-sodda tal-konkos ghaliex din ma kienitx hemm qabel. Jghid li huwa wasal ghas-somma likwidata minnu skond il-prezzijiet li kienu kurrenti dak iz-zmien.

Rat il-konkluzjoni tal-Perit Tekniku fejn sostna li l-hsarat fil-fond ‘Begonia’, Triq Anton Falzon, Hal Luqa setghet tkun eliminata jew limitata hafna jekk il-kuntrattur li ghamel ix-xoghlijiet, ghamel l-istess xoghlijiet f’fazijiet u kien tempestiv f’xoghlu. Dan il-kuntrattur m’ghamlux w ghalhekk hija tal-fehma tal-esponent, illi l-istess kuntrattur ikkontribwixxa hafna biex saret il-hsara ndikata fl-istess fond. Fir-relazzjoni tieghu hemm indikati r-ragunijiet li wasluh ghal din il-konkluzjoni.

Illi hija l-fehma tal-Qorti li l-atturi kellhom jippruvaw li huma ghandhom hsara fil-proprjeta taghhom, liema hsara giet kawzata mill-agir tal-konvenuti.

Il-konvenuti minn naha taghhom kellhom jippruvaw jiskolpaw ruhhom mill-addebitu htija ghal dak li gara.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t’April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras dwar il-grad ta provi li irid jigi milqugh fejn inghad illi:

“*In materja ta’ provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*
*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta’ – Ara Vol. XXXVII/i/577;*
*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni*

*tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Illi sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li d-danni li kienu qed jilmentaw minnhom l-atturi gew kagunati mis-socjeta konvenuta hija kellha tinnomina Perit Arkitett sabiex jaghti l-opinjoni teknika tieghu, fis-sens jekk id-danni subiti mill-atturi kienu kagun ta' xi traskuragni lampanti da parti tal-konvenut jew minhabba ix-xoghol hazin illi kien sar originarjament fil-proprjeta tal-atturi taghhom meta kien inbena l-*plot*.

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza "**Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg" (**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**) li:**

"*Huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta dan kollu li jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq*

*natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax tghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspet tekniku tal-materja taht ezami."("***Philip Grima vs Carmleo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001.

Illi dawn is-sentenza huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet "**Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et"** *(A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390*) fejn intqal li "*ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'dana kollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali, jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli.*"

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-perit tekniku li l-hsarat sofferti mill-atturi gew kkagunati minhabba x-xoghol li kien qed isir fit-triq proprju ma gemb id-dar ta' Lorraine Farrugia. Dan billi l-konvenuti ma hadux prekawzjoni adegwata meta kienu qed jirrangaw it-triq tant li hallew it-trinka skoperta ghal numru ta' jiem u kien minhabba x-xita li nizlet li skula l-ilma fil-proprjeta tas-Sinjura Farrugia.

Dwar il-kwistjoni teknika il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-decizjoni mehuda mill-Perit Tekniku w ghalhekk in linea mal-istess konkluzjoni milqugha minnu hija qieghda tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija reposnabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet ta' sid il-fond danneggjat John Farrugia.

Dwar il-likwidazzjoni ta’ danni ma hemmx wisq x’inghad peress illi l-attur ipprova li huwa sofra is-somma ta’ LM2,13.79 rappresentanti l-hsarat li kien hemm liema somma thalset lil konjugi Farrugia u s-somma ta’ LM222 li thalset lis-*surveyor* Chris Hayes. B’kollox ghalhekk is-socjeta attrici halset is-somma ta’ LM2,375.79.

Illi dwar din is-somma ma hemmx kontestazzjoni.

Illi l-kontestazzjoni li kellha is-socjeta konvenuta kienet dwar ir-responsabilita li din il-Qorti diga kkonkludiet dwarha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda takkolja t-talba attrici u tiddikjara li s-socjeta konvenuta hija responsabbli ghall-hsarat sofferti mis-socjeta attrici u tillikwida dawn id-danni fis-somma ta’ LM2,375.79 ekwivalenti ghal hamest elef hames mija u tletin euro (€5530) w ghalhekk qeghda tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici dik is-somma hekk likwidata.**

**Tiddikjara wkoll li qieghda konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------